**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 11 – IT-TNEJN, 11 TA' MEJJU 2015 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | Chairman |
| | Dr Frank Bartolo | Viċi Chairman |
| | Simon Ellul Sullivan | Membru |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Alfred Mangion | Membru |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

**1 Approvazzjoni tal-Minuti Numru 10**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti.

1.2 Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Dr Frank Bartolo ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Komunikazzjoni miċ-*Chairman***

2.1 Il-Kumitat ġie nfurmat li rċieva risposta negattiva għal Memo 27/2014 għal Finanzjament għal Attivitajiet Kulturali. Ġie deċiż li jsir kuntatt mal-persuna ndikata fl-ittra għall-għajnuna tagħha.

2.2 Kien hemm diskussjoni rigward il-kwotazzjoni li ħarġet ghal manutenzjoni tal-Ġnien G M Camilleri. Ġie deċiż li l-kulur jinbidel minn maroon għal aħdar. Ġie deċiż ukoll li ssir diskussjoni mal-kuntrattur magħżul rigward il-graffiti li hemm mal-art.

2.3 Ġie innutat ukoll ix-xogħol tajjeb li sar fuq ir-restawr tal plakka fl-istess ġnien.

2.3 Kien hemm diskussjoni fuq ir-rendikont finanzjarju tal-ispejjeż tal-Kumitat. Kien hemm diskussjoni wkoll fuq il-possibbiltà li ssir applikazzjoni għal UIF. Iċ-Chairperson għandu jagħmel kuntatt mas-Sindku fuq din.

2.4 Kien hemm talba lis-Segretarju Eżekuttiv biex il-korrispondenza li tikkonċerna l-Kappara tintbagħat lis-Sur Alfred Mangion. Is-Segretarju Eżekuttiv informa

lill-Kumitat li din il-korrispondenza diġà qed tintbagħat lill-membri kollha tal-KAC.

## 3 Affarjiet oħra

3.1 Is-Sur Alfred Mangion talab biex tintbagħat reminder lil TM rigward il-periklu li hemm fi Triq il-Malvizz.

3.1.1 Hu talab ukoll biex tintbagħat reminder lil TM rigward it-tneħħija tal-Bus Stop minn Regional Road.

3.1.2 Ġie deċiż li ssir site visit mal-Perit tal-Kunsill rigward il-bankina ta' Triq ir-Rundun.

3.1.3 Is-Sur Mangion ilmenta rigward il-problema persistenti tal-boroż tal-iskart maħruġa f'kull ħin tal-ġurnata. Għandha tintbagħat reminder lir-Reġjun Ċentrali fuq din.

3.1.4 Is-Sur Alfred Mangion fakkar li għandhom isiru marki godda tat-toroq fi Triq il-Fjamma u Triq il-Pitirross.

3.1.5 Ġie deċiż ukoll li sakemm għadu għaddej ix-xogħol fi Triq Birkirkara, il-Junction Box li hemm approvata għalissa ma ssirx.

3.1.6 Ghanda issir talba lil TM biex issir site visit rigward il-modifikazzjoni tas-soft area fi Triq Birkirkara kantuniera ma' Triq il-Barbaġann.

3.1.7 Kien hemm query rigward il-bozza ġdida fi Triq il-Ġojjin u Triq il-Ħuttaf. Il-Kumitat ġie nfurmat li saru l-applikazzjoniet għal dawn.

3.1.8 Għandha ssir reminder lill-Kummissarju tal-Pulizija għat-talba tal-KAC għal-laqgħa.

3.1.9 Is-Sur Mangion staqsa rigward ilment minn resident għall-kundizzjoni ħażin ta' sqaq fi Triq il-Ħuttaf. Hu ġie nfurmat li din it-triq għandha bżonn resurfacing bħal Triq il-Ġojjin.

3.1.10 Għandha ssir talba lill-ELC biex il-Ġnien G M Camilleri jiġi maħrut.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 9 ta' Ġunju 2015 fis-6.00pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Stefan Bonello Ghio**
**Chairman**